# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 7 ta' Ottubru 1999**

**Numru**

**Citaz. numru 1062/95 JF**

**Carol sive Carmel PUGLIESEVICH bhala Direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' Pulvich Explosives Industries Ltd.**
**vs**
**Paul FALZON u Gaetano ABDILLA bhala Diretturi u in rapprezentanza tas-socjeta' F & A Quarries Ltd u b'digriet tas-6 ta' Dicembru, 1996 Paul u Anna Konjugi Falzon gew kjamati fil-kawza.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Premess illi l-konvenuti nomine ghandhom jaghtu lill-istanti nomine s-somma ta' hames mija u erba' liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm504.75) prezz ta' zjut mibjugha u kkonsenjati lilhom (Dok A sa D);

TALAB li l-konvenuti fil-kwalita' taghhom fuq indikata, dispensat is-smigh tal-kawza ghat-termini tal-aritkolu 167 tal-Kap 12 u in vista tal-affidavit tal-attur hawn anness (Dok E), jigu kkundannati jhallsu lill-attur nomine l-imsemmija somma ta' hames mija u erba' liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm504,75); bl-imghax legali min- notifika tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Gunju 1995 u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-istess ittra ufficjali, kontra l-konvenuti.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Gaetano Abdilla ghan-nom tas-socejta' F & A Quarries Limited fejn eccepixxa;

1. Illi s-socjeta' konvenuta ma ordnat l-ebda zjut minghand is-socjeta' attrici u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li t-talbiet pretizi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Salvi eccezzjonijet ulterjuri.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Paul u Anna mizzewgin Falzon fejn ecepixxew illi huma personalment ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghalhekk l-ammont mitlub mhux dovut minnhom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u rat u ezaminat l-affidavits li gew ipprezentati;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza.

Ikkunsidrat li f'din il-kawza l-attur nomine talab l-ammont ta' Lm504.75c (hames mija u erba' liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu) bilanc dovut ghal kunsinna ta' zjut mibjugha lis-socjeta' konvenuta kif jidher dettaljatament mill-prospett ipprezentat minnu – ara Dok D a fol 7 u 8 tal-process.

Illi mill-provi akkwiziti m'hemm ebda dubju li dawn iz-zjut gew ordnati minn Paul Falzon ghan-nom tas-socjeta' konvenut, meta huwa kien ghadu ko-direttur taghha, li l-istess ordni giet debitament esegwita u li l-prezz relativ baqa' ma thallasx. L-anqas ma jidher li hemm xi dubju dwar il-quantum mitlub.

Illi n-nuqqas ta' pagament huwa biss relatat mal-fatt li fiz-zmien meta saret l-ordni in kwistjoni u l-konsenja taz-zjut inqala' dizgwid intern fi

hdan id-diretturi tas-socjeta' konvenuta u li in segwitu ta anke lok ta' xissjoni tal-istess socjeta'. Madanakollu xorta wahda jirrizulta u jibqa' li meta giet esegwita l-ordni de quo, dak kollu li beda jsehh fi hdan is-socjeta' konvenuta kien res inter alios acta ghal dak li jikkoncerna l-interessi tal-fornitur, f'dan il-kaz, l-attur nomine. Mill-provi li gew prodotti ma jirrizultax li kien hemm xi intromissjoni, f'sens ta' accettazzjoni ta' debitu, da parti tal-kjamati in kawza li, del resto, qeghdin jikkontestaw dak li gie allegat fil-konfront taghhom mid-dirigenti attwali tas-socjeta' konvenuta, jigifieri minn Gaetano Abdilla u shabu. Billi l-ahwa Abdilla jallegaw li ntlahaq ftehim verbali – kontradett minn Paul Falzon – li d-djun kellu jassumihom Falzon, mhux bizzejjed biex jisposta r-responsabbilita' kwantu jikkoncerna l-pagament dovut minn fuq is-socjeta' konvenuta ghal fuq spallejn il-kjamati in kawza. Kif xehed Joseph Abdilla, ko-direttur tas-socjeta' konvenuta – ara Dok GA2, a fol 66 tal-process, fl-ahhar paragrafu tal-affidavit tieghu,

> "Ma kien hemm l-ebda ftehim li l-ispejjez li lahqu saru sat-30 ta' Settembru 1993 jhallashom l-F & A Quarries Ltd u dawk ta' wara jithallsu mis-socjeta' F & S Ltd il-kumpanija l-gdida"

F'dan l-istat ta' kontestazzjoni cara bejn l-ex-direttur tas-socjeta' konvenuta u dawk attwali m'ghandux certament ibati l-kreditur. L-ordni saret kif fuq inghad, fl-ambiti legali sa dakinhar li fihom kien jagixxi Paul Falzon ghan-nom tas-socjeta' konvenuta u konsegwentement, it-talba attrici kif dedotta tirrizulta sufficjentement ipprovata;

Ghal dawn ir-ragunijiet :

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza u tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici in kwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta F & A Quarries Ltd ghall-ammont mitlub komprizi l-interessi legali kif mitlub sal-hlas effettiv. Il-kap ta' l-ispejjez jithallas interament mill-konvenuti nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AH.